# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAL-24 TA' FRAR, 2022**

**Kawża Numru: 5**

**Rik. Ġur. 966/2019 RGM**

**No Deposit Cars Malta Limited**
**(C-85780)**

**vs.**

**Daniela Zammit (K.I. No. 338989M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat tas-soċjetà No Deposit Cars Malta Limited** ippreżentat fl-10 t'Ottubru, 2019 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

**DIKJARAZZJONI TAL-FATTI**

1. Illi permezz ta' kuntratt ta' *'Hire and Purchase'* datat sebgħa (7) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmintax (2018) (hawn aktar il-quddiem bħala "il-

Kuntratt") (hawn anness u mmarkat bħala "**Dokument A**") il-konvenuta xtrat il-vettura tat-tip Citroen bix-Chassis number vf7nxhnymhy523780 (hawn aktar il-quddiem bħala "il-Vettura");

2. Illi skond l-istess Kuntratt il-konvenuta kienet ftiehmet li tħallas it-total ta' sebgħa u għoxrin elf u disgħa mitt Ewro (€27,900.00) b'pagamenti mensili ta' erbgħa mija u ħamsa u sittin Ewro (€465.00) fix-xahar, vide Klawsola 2.4 tal-Kuntratt kif ukoll il-'*Payment Schedule'* (hawn annessa u mmarkata bħala "**Dokument B**"). Illi inoltre l-konvenuta ffirmat sittin (60) kambjala ta' erbgħa mija u ħamsa u sittin Ewro (€465.00) (hawn annessi u mmarkati bħala "**Dokument Ċ**");

3. Illi sal-lum il-konvenuta ma ħallset ebda ammont mill-ammont dovut skond il-Kuntratt u dana mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi u minkejja diversi interpellazzjonijiet għall-ħlas mis-soċjeta' rikorrenti;

4. Illi minħabba tali inadempjenza ta' ħlas da parte tal-konvenuta, il-Vettura ġiet mibjugħa mis-soċjeta' rikorrenti għall-valur ta' disgħa t'elef Ewro (€9,000.00) u dana kif debitament awtorizzata skond il-Kuntratt;

5. Illi għalhekk sal-lum il-bilanċ dovut lis-soċjeta' rikorrenti mill-konvenuta skond il-Kuntratt hu l-ammont ta' sbatax-il elf disgħa mija u hamsa u sittin Ewro (€17,965);

6. Illi skond il-Klawżola 7.1.1 tal-Kuntratt: "Default in the punctual payment of any one (1) instalment by the Hirer, whether consecutive or not, and whether or not the Hirer is called upon by the Owner by any means to affect payment […] the Owner shall demand immediate payment of the outstanding balance, including all interest due till date of effective payment, all other fees and charges that may have accrued and all other expenses the Owner may have incurred, including towage costs and legal expenses".

7. Illi inoltre skond il-Klawżola 7.1.2 tal-Kuntratt: "a breach of any condition of this agreement by the Hirer, the Owner shall demand immediate

payment of the outstanding balance, including all interest due till date of effective payment, all other fees and charges that may have accrued and all other expenses the Owner may have incurred, including towage costs and legal expenses".

8. Illi għalhekk il-konvenuta ddekadiet mill-benefiċċju tat-terminu tal-ħlas tal-prezz;

9. Illi għalhekk sal-lum il-bilanċ dovut lis-soċjeta' rikorrenti mill-konvenuta hu l-ammont ta' sbatax-il elf u disgħa mija u hamsa u sittin Ewro (€17,965).

Għaldaqstant is-soċjeta' rikorrenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenuta naqset milli tonora l-Kuntratt ta' *'Hire and Purchase'* bejn il-partijiet datat sebgħa (7) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmintax (2018) ("Dokument A");

2. Tiddikjara li a tenur tal-Klawżola 7.1 tal-Kuntratt ta' *'Hire and Purchase'* bejn il-partijiet ("Dokument A") il-konvenuta ddekadadiet mill-benefiċċju tat-terminu tal-ħlas tal-prezz dovut fuq il-bejgħ tal-Vettura tat-tip Citroen bix-Chassis number vf7nxhnymhy523780;

3. Tiddikjara li l-konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta` rikorrenti fl-ammont ta' sbatax-il elf u disgħa mija u hamsa u sittin Ewro (€17,965) rappreżentanti bilanċ dovut u dana skond il-Kuntratt ta' *'Hire and Purchase'* bejn il-partijiet datat sebgħa (7) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmintax (2018) ("Dokument A");

4. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lis-soċjeta` rikorrenti l-ammont ta' sbatax-il elf u disgħa mija u hamsa u sittin Ewro (€17,965);

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament finali kontra l-konvenuta illi hija min issa nġunta in subizzjoni.

Rat ir-**risposta ġuramentata tal-konvenuta Daniela Zammit** ippreżentata fl-20 ta' Novembru, 2019, fejn jingħad kif ġej:

1. Illi fl-**ewwel lok u in linea preliminari** tigi eccepita n-nullita` tal-azzjoni attrici skond l-Artikolu 789(1)(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana stante illi tezisti kontradizzjoni cara fil-premessi u anke fit-talbiet u dan fis-sens illi l-azzjoni attrici hija bbazata fuq talba ghal hlas wara dekandenza tal-beneficcju tat-terminu (ara t-tieni talba attrici). Fl-istess waqt pero`, is-somma reklamata ma tirraprezentax dak li kien ikun dovut li kieku intilef il-beneficcju tat-terminu izda tirraprezenta d-differenza bejn il-prezz li biha l-konvenuta xtrat il-vettura ghall-prezz li bih is-socjeta` attrici tallega li bieghat il-vettura lil terzi. Ghaldaqstant hemm kontradizzjoni bejn il-kawzali tat-telfien tal-beneficcjutat-terminu li jwassal ghal kundanna tal-ammont shih dovut u t-talba attrici li fil-prattika hija talba ghal danni.

2. Illi fit-tieni u minghajr pregudizzju ghas-suespost tigi eccepita l-kawza illecita ai termini tal-Artikolu 990 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi eccepit illi l-iskrittura li fuqha huma msejsin il-pretensjonijiet attrici hija llegali stante li tikkostitwixxi prattika kummercjali mhux gusta ai termini tal-Artikolu 51B tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi fir-raba' lok u minghajr pregudizzj7u ghas-suespost, jigi illi l-iskrittura li fuqha huma msejsin il-pretensjonijiet attrici hija illegali stante li tikkostitwixxi prattika kummercjali qarrieqa ai termini tal-Artikolu 51C u 51D tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Ili fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi illi l-iskrittura li fuqha huma msejsa il-pretensjonijiet attrici hija illegali stante li

tikkostitwixxi prattika kummercjali aggressiva ai termini tal-Artikolu 51E tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi fis-sitt lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, tigi eccepita n-novazzjoni ai termini tal-Artikolu 1179 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dana stante illi s-socjeta`attrici hadet lura l-pussess taghha il-vettura mertu tal-kawza de quo, u skont hi trasferitha lil terzi. Din l-eccezzjoni hija rassodata wkoll mill-fatt illi l-iskrittura stess tipprevedi t-terminazzjoni taghha stess hekk kif is-socjeta` attrici tirriprendi l-pussess lura tal-vettura;

7. Illi fis-seba' lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, u b'referenza ghal kambjali ezebiti mill-attrici, jigi eccepit illi gialadarba dina l-azzjoni m'hijiex actio cambiaria, dawn il-kambjali se mai ghandhom iservu biss ghal finijiet ta' valur probatorju inkwantu ghall-allegat kreditu;

8. Illi fit-tmin lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, b'refrenza ghat-talbiet attrici kollha, dawn huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u jisthoqq li jigu michuda bl-ispejjez.

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat il-provi li tressqu waqt il-prosegwiment tal-kawża;

Rat illi l-legali tal-konvenuta r-rinunzjaw għal patroċinju tal-istess;[1]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta attriċi ppreżentata fis-7 ta' Diċembru 2021;[2]

[1] Paġna 52 tal-proċess.
[2] Paġna 55 et seq tal-proċess.

Rat illi l-konvenuta baqgħet ma ppreżentata l-ebda nota ta' sottomissjonijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat

**Fatti antecedenti l-kawża**

Fis-7 t'Awwissu 2018 il-konvenuta iffirmat kuntratt ta' *hire and purchase* għal vettura tat-tip Citroen għal prezz ta' sebgħa u għoxrin elf u disa'mitt ewro (€27,900) bi ħlas mensili ta' erba' mija u ħamsa u sittin ewro (€465). In segwietu għal dan il-konvenuta iffirmat sittin kambjala. Il-konvenuta effettwat żewġ pagamenti biss f'total ta' disa' mija u ħamsa u tlettin ewro (€935). In vista ta' din l-inadempjenza s-soċjetà attriċi ħadet lura fil-pussess tagħha l-vettura mertu tal-kawża u biegħietha lil terz għal valur ta' disat elef ewro (€9,000).

Ta' rilevanza huma s-segwenti klawżoli li jinsabu fil-kuntratt iffirmat mill-partijiet fis-7 t'Awwissu 2018:

> *"7.1 Without prejudice to any rights that the Owner may have according to law, the parties agree that in case of:*
> *1 default in the punctual payment of any one (1) instalments by the Hirer, whether consecutive or not, and whether or not the Hirer is called upon by the Owner by any means to affect payment;*
> *2 a breach of any condition of this agreement by the Hirer;*
> *the Owner shall demand immediate payment of the outstanding balance including all interest due till date of effective payment, all other fees and charges that may have accrued and all other expenses the Owner may have incurred, including towage costs and legal expenses.*
>
> *7.2 The parties further agree that if the Hirer does not affect full and immediate payment in accordance with clause 7.1 within thirty (30) days, which shall run from the day the Owner calls upon the Hirer to affect such*

*payment, this agreement shall be terminated ipso jure and the Owner shall be entitled to request the Hirer, who shall comply therewith, to restore immediate possession of the Motor Vehicle to the Owner, without prejudice to any claim for damages, saving wear and tear consistent with the period of use. Furthermore, the Owner shall be entitled to claim the difference between the outstanding balance due by the Hirer in terms of this agreement and the price of the Motor Vehicle as resold after possession is restored in terms of sub-clause, without prejudice to any charges, fees and interest accrued."*

Is-soċjetà attriċi ntavolat l-azzjoni odjerna fl-10 t'Ottubru 2019 sabiex jiġi dikjarat li l-konvenuta hija debitriċi tagħha fis-somma ta' sbatax-il elf, disa' mija u ħamsa u sittin ewro (€17,965) u sabiex issir il-ħlas tal-istess.

Ikkunsidrat

**Provi**

Is-soċjetà attriċi ppreżentat affidavit ta' **Luke Milton**, Maniġer fl-istess kumpanija. Jispjega li huwa kien assista lill-konvenuta sabiex tagħżel il-vettura li xtaqet, kien ukoll spjegalha t-termini u kundizzjonijiet tal-kuntratt. Jgħid li l-konvenuta iffirmat il-kuntratt ta' *hire and purchase* fis-7 t'Awwissu 2018. Jgħid li s-Sinjura Zammit għażlet il-vettura tat-tip Citroen għal prezz ta' €27,900 bi ħlas ta' €465 fix-xahar.

Iddikjara illi l-konvenuta għamlet żewġ pagamenti, wieħed fis-somma ta' €465 u ieħor fis-somma ta' €470, u waqfet tħallas

Jgħid li hu ikkomunika magħha diversi drabi sabiex tagħmel il-ħlasijiet iżda kienet spjegatlu li kienet inqabdet f'*road block* issuq mingħajr liċenzja u weħlet multa ta' €2,000 u għalhekk ma kinitx f'pożizzjoni li tagħmel aktar pagamenti. Jgħid li kienet Zammit minn rajha li talbithom imorru jiġbru l-karrozza. Qal ukoll li kien hu flimkien ma' impjegat ieħor li marru jiġbru l-karrozza u kienu ndunaw li l-vettura ġarrbet ħsarat kosmetiċi. Ħalef ukoll li

minn eżami li saru mill-*mechanic* sab li kien hemm ħsarat mekkaniċi fosthom fil-klatċċ. Kien għalhekk li l-prezz tal-vettura kien redott għal prezz ta' €9,000. Jgħid li din il-vettura fil-fatt inbiegħet lil terzi fid-9 ta' Jannar 2019. Temm l-affidavit tiegħu billi qal li l-bilanċ dovut mill-konvenuta huwa għalhekk ta' €17,965.

It-tieni affidavit li ppreżentat is-soċjetà attriċi huwa dak ta' **Thorne Mangion** impjegat mal-istess soċjetà. Jispjega li x-xogħol tiegħu primarjament huwa li jieħu ħsieb il-pagamenti għall-akkwist ta' vetturi. Dwar il-każ odjern fir-rigward ta' pagamenti x-xhud qal li l-konvenuta għamlet żewġ pagamenti iżda ma sar l-ebda pagament wara Novembru 2018. Mal-affidavit tiegħu x-xhud annetta rendikont datat 12 ta' Frar 2020.[3] Jgħid li meta l-konvenuta waqfet tagħmel il-pagamenti huma kienu ikkomunikaw magħha sabiex ifakkruha tagħmel il-pagamenti. Jgħid li wara diversi xhur is-sinjura Zammit marret ix-*showroom* u infurmathom li kienet ġiet imwaqqfa mill-Pulizija waqt *road block* fejn instabet mingħajr liċenzja u ġiet immultata €2,000 u li għalhekk ma kellix flus minn fejn tagħmel il-pagamenti mensili. Huwa xhed li l-vettura kienet ġarrbet xi ħsarat kosmetiċi kif ukoll mekkaniċi. Jikkonferma wkoll li l-vettura reġgħet ġiet mibjugħa lil terzi għal prezz ta' €9,000 u għalhekk wara li ġew imnaqqsa din is-somma flimkien mal-ħlasijiet ġia magħmula mill-konvenuta l-bilanċ huwa ta' €17,965.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet Legali**

B'din l-azzjoni is-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' somma rappreżentanti l-bilanċ dovut fuq il-prezz tal-vettura tat-tip Citroen li ġiet konsenjata lill-konvenuta taħt titolu ta' *hire purchase* skont ftehim datat 7 t'Awwissu 2018.

---

[3] Paġna 35 tal-proċess.

**Eċċezzjonijiet tal-Konvenuta**.

Għal din l-azzjoni l-konvenuta ssollevat għadd ta' eċċezzjonijiet bl-ewwel eċċezzjoni tkun ta' natura preliminari.

**L-Eċċezzjoni li r-Rikors Ġuramentat huwa null**.

Ġie eċċepiet mill-konvenuta li l-azzjoni hija nulla ai termini tal-Artikolu 789 (1) (ċ) tal-Kapitolu 12 u dan għaliex skontha hemm kontradizzjoni bejn il-premessi u t-talbiet. L-imsemmi artikoli jipprovdi hekk:

> "(1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata -
> [...]
> (ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat
> [...]
> Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi."

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza **Amarcord Limited vs. Rita Schembri et** (Rik Gur 498/2014 JRM) deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-23 ta' Jannar 2010:

> "Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, id-distinzjoni bejn nullità mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarità essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux "sempliċi" ksur tal-forma preskritta [Ara, per eżempju, P.A. C.S.:**4.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri*** (mhix pubblikata)]. Huwa xieraq li jissemma li l-liġi titkellem dwar "partikolarità essenzjali" u mhux partikolarità kwalsijasi. Biex partikolarità

> f'att ġudizzjarju titqies bħala "essenzjali" jeħtieġ li jintwera li n-nuqqas tagħha f'dak l-att ixekkel serjament u irrimedjabbilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tar-regoli proċedurali li l-kawżi jimxu b'ħeffa, effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet u tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali [P.A. GCD **31.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Diane Vella et vs Medserv Operations Limited***];"

Fis-sentenza **George Cauchi vs. Arnold Farrugia et** (Ċit Nru 92/2002 JRM) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-25 ta' Settembru 2003 ingħad:

> "Illi dwar l-element ta' kjarezza fl-Att taċ-ċitazzjoni, l-liġi ma tinsistix fuq formola preċiża jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista' tinftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawżali jkunu mfissra b'mod xott jew saħansitra mifhuma jew implikati mit-talba nnifisha [P.A. **15.12.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Moore noe vs Falzon et.*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.807**)];
>
> Illi ngħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju. Biex att ta' ċitazzjoni jgħaddi mill-prova tal-validita' huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha [P.A. : **14.2.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***J.G. Coleiro vs Dr. J. Ellul*** (Kollez. Vol: **LI.ii.779**);] u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek milli jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur [App. Kumm. **20.1.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Bonniċi vs Eucharistico Żammit noe et*** (mhix pubblikata)];"

Fl-azzjoni in eżami l-konvenuta teċċepixxi li hemm kontradizzjoni stante li filwaqt li t-tieni talba hija dwar kundanna għall-ħlas wara dekadenza tal-benefiċċju tat-terminu, il-premessi jagħmlu referenza għal somma reklamata li tirrappreżenta d-differenza bejn il-prezz li biha l-konvenuta xtrat il-vetura għall-prezz li bih is-soċjeta attriċi tallega li biegħat il-vettura lil terzi.

Jekk wieħed iqis il-kawża kif preżentata u jkejjilha mal-osservazzjonijiet hawn fuq magħmula isib li dak li qiegħda tippretendi s-soċjeta attriċi hu li titħallas dak il-bilanċ li l-konvenuta fadlilha tħallas wara li l-vettura ittieħdet lura mingħandha u allegatament inbiegħet lil terzi. Din il-Qorti hija għalhekk tal-fehma li mill-azzjoni jidher ċar xi trid tikseb b'din l-azzjoni s-soċjeta attriċi. Tant huwa l-każ li l-konvenuta uriet li anke hi fehmet sew x'qiegħed jingħad u x'għamla ta' kontestazzjoni qiegħda titressaq għall-dawk il-pretensjonijiet.

Huwa biss meta l-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju irrimedjabbli li l-Qorti tiddikjara l-att null. Fil-fehma tal-Qorti ma jirriżultax li l-konvenuta sofriet xi preġudizzju.

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tqis l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta bħala infondata u għalhekk qegħda tiċħadha.

**L-Eċċezzjoni li l-Ftehim ta' Bejn il-Partijiet huwa afflitt minn Causa Illeċita**.

Il-konvenuta eċċepiet il-causa illeċita ai termini tal-**Artikolu 990** tal-Kapitolu 16.

Il-*causa* f'kuntratt hija illeċita meta hija pprojbita mil-liġi jew kuntrarja għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku u jinsab ritenut illi obbligazzjoni li għandha *causa* illeċita, m'hijiex biss mhux protetta mid-dritt ta' azzjoni, imma hija nulla.

Il-legalita' o meno tal-konvenzjoni minħabba *causa* illeċita tista' tiġi sollevata anke mill-Qorti *ex officio*[4].

Ikkunsidrat;

[4] Ara **Vincent Camilleri vs. Emanuel Camilleri et** (App Ċiv 165/2006) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-26 ta' Ġunju 2015.

Mill-atti jirriżulta illi l-konvenuta ma resqitx provi mhux għaliex hi kontumaċi iżda għaliex wara li l-avukati tagħha irrinunzjaw għall-patroċinju tagħha, la hi u lanqas rappreżentant tagħha ma deheru f'dawn il-proċeduri.

Il-Qorti pero' tqis illi fiċ-ċirkostanzi u għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja u tenut kont il-gravita' intrinsika f'eċċezzjoni li kuntratt li tiegħu qed jintalab l-eżekuzzjoni ġudizzjarja huwa afflitt minn causa illeċita, huwa indikat li għandha, kif qed tagħmel, tissospendi d-deċizzjoni tagħha dwar ir-rimanenti eċċezzjonijiet u dwar it-talbiet attriċi sabiex tisma lill-konvenuta u provi oħra jekk ikun il-każ, dwar l-eċċezzjoni tal-causa illeċita.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta.

Tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
24 ta' Frar 2022

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**